MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 178/2015

**J. Micallef Service Station Limited**
**C-45002**

**vs**

**Antoine Camilleri**

**ID200485-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi hi forniet lill-konvenut bi fuel liema fuel gie debitament ricevut u accettat mill-konvenut; Illi s-Socjeta' attrici hija kreditur tal-konvenut in rigward diversi fornituri u dan fis-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500); Illi l-konvenut, ghalhekk huwa debitur tas-Socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro

(€2,500) rapprezentanti fuel fornit lill-konvenut minn Novembru, 2013 sa Frar, 2014; Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' April, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara illi s-sorte gie mhallas, izda li l-istess Socjeta' attrici qed izzomm ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-Socjeta' attrici, jordna lill-konvenut li jhallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------